Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 557/2015

Il-Pulizja

Spettur Edel Mary Camilleri

Vs

Kurt Camilleri

Illum 23 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Kurt Camilleri detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 51198 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-5 ta' Settembru, 2015, ghall-habta tal-4.45hrs ta' wara nofsinhar, gewwa l-parkegg ta' Gianpula, Rabat, Malta:

1. Volontarjament kiser l-bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat, storbju jew glied;
2. U aktar talli volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' hsara fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBP437 ta' l-ghamla Nissan Juke.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-11 ta' Dicembru, 2015, fejn il-Qorti sabet lill-imputat mhux hati tal-ewwel akkuza (cioe ta' ksur ta' bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat, storbju jew glied), filwaqt li sabitu hati tat-tieni akkuza (cioe ta' hsara voolontarja fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBP 437 ta' l-ghamla Nissan Juke) u kkundannatu multa ta' mitt ewro.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Dicembru, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogghoba tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha fil-parti fejn ddikjarat lill-appellat mhux hati ta' l-ewwel imputazzjoni (cioe ta' ksur ta' bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat, storbju jew glied) u fil-parti fejn sabet l-appellat hati tat-tieni imputazzjoni (cioe ta' hsara voolontarja fuq vettura li hija propjeta pubblika); u
2. Thassarha u tirrevokaha fil-parti tal-pien, billi minflok il-piena nflitta tinfliggi piena idoneja u gusta skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat id-decizjoni moghtija fis-26 ta' Mejju 2016 dwar l-ewwel aggravvju sollevat mill-appellanti.

Rat illi l-aggravji tal-esponent Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi fis-16 ta' Dicembru, 2015 l-esponent Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza u hassu aggravate bihom in kwantu li l-Qorti tal-Magistrai erogat il-piena illi fil-kwantita' taghha hija differenti minn dik preskritta bil-ligi ghar-reat li dwaru l-appellat instab hati.

Illi ghaldaqstant dan l-umli appell qieghed jigi interpost ai termini tal-artikolu 413 (1) (b) (iii) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi hekk kif l-esponent diga spjega aktar il' fuq, l-appellat instab hati ta' hsara volontarja ta' propjeta pubblika (cioe ta' vettura li hija propjeta tal-Ministeru tal-Finanzi), liema hsara tammonta ghal €623.32;

Illi minn ezami akkurat tad-disposizzjonijiet tal-Ligi li jittrattaw dwar hsara volontarja, cioe artikolu 325 (1), jirrizulta illi l-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt timpani piena ta' mitt ewro.

Dana qieghed jinghad peress li artikolu 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

> 325. (1) Kull min, b' mezzi xort' ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-subtitolu, volontarjament ihassar, jaghmel hsara jew igharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, jehel, meta jinsab hati-
>
> (b) jekk l-ammont tal-hsara ma jkunx jiskorri elfejn u hames mitt ewro (2,500), izda jkun izjed minn mitejn u hamsin ewro (250), il-piena ta' prigunerija minn tmien xhur sa erbatax il-xahar;

Illi di piu, it-tilet proviso ta' l-artikolu 325 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijeit ta' Malta jipprovdi illi:

> Izda wkoll fil-kaz ta' hsara lill-propjeta pubblika, il-piena tizdied bi grad jew tnejn, u l-hati ghandu jigi kkundannat ihallas multa ekwivalenti ghall-hsara lit kun saret.

Illi fil-kaz de quo, l-artikolu 325 (1) (b) u t-tielet proviso tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, huma applikabbli stante illi l-hsara tal-vettura tammonta ghal, sitt mija u tlieta u ghoxrin ewro u tnejn u tletin centezmu tal-ewro (€623.32), u stante illi l-vettura kkoncernata hija propjeta tal-Ministeru tal-Finanzi u kwindi hja propjeta pubblika.

Illi ai termini ta' dan it-tielet proviso, l-awment fil-piena u l-multa huma tassattivi u mhux fakoltativi u ghaldaqstant il-Qorti hija obbligata illi zzid il-piena ta' prigunerija bi grad jew tnejn u timpani multa fuq l-appellat ekwivalenti ghall-hsara lit kun saret fuq il-propjeta pubblika.

Illi, ghaldaqstant, bl-applikazzjoni tal-artikolu 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u t-tielet proiso ta' l-istess artikolu, il-piena li kellha tigi erogata mill-Qorti tal-Magistrati kellha tkun dik ta' perjodu ta' prigunerija bejn ghaxar xhur sa dsatax il-xahar, f' kaz ta' zieda bi grad jew bejn erbatax il-xahar u hamsa u ghoxrin xahar ( f' kaz ta' zieda b' zewg gradi) flimkien ma multa ekwivalenti ghall-hsara lit kun saret fuq il-propjeta pubblika. Fil-kaz odjern, il-hsara kkagunata mill-appellat hija ta' sitt mija u ghoxrin ewro u tnejn u tletin centezmu (€623.32), hekk kif indikat a fol 8 ta' l-atti processwali u kwindi l-multa ghandha tkun ekwivalenti ghal tali ammont.

Ikkunsidrat;

Illi dan huwa appell mressaq mill-Avukat Generali bil-lanjanza unika u ewlenija illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kenitx fix-xorta u il-kwalita taghha dik ikkontemplata fil-ligi.

Illi l-appellat Kurt Camilleri gie akkuzat b'reat u kontravvenzjoni, fejn gie illiberat mill-akkuza kontravvenzjonali izda misjub hati tar-reat tal-hsara volontarja u dan bi ksur ta'l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9. Il-valur tal-hsara fil-vettura tal-ghamla Nissan bin-numru ta' registrazzjoni GBP437 kienet tammonta ghal €623.32. Fuq dan ma hemmx kontestazzjoni bejn il-ko-litigandi.

Izda ghalkemm l-Avukat Generali jippremetti illi l-appellat instab hati tal-hsara volontarja fuq proprjeta pubblika, madanakollu dan l-aggravanti ma jirrizulta minn imkien fid-decizjoni impunjata. Dan ghaliex l-Ewwel Qorti iddikjarat car u tond illi kienet qed tinstab htija fl-appellat ghar-reat previst fl-artikolu 325(1)(b), "**minghajr l-aggravvji fil-provisos tal-istess artikolu.**"

Issa ma jirrizultax illi l-aggravvju ta'l-Avukat Generali qieghed jindirizza din il-parti decizorja tas-sentenza impunjata billi l-ilment huwa dirett biss lejn il-piena inflitta izda mhux lejn in-nuqqas ta'l-Ewwel Qorti milli tapplika l-aggravvanti imsemmija fil-ligi dwar meta l-hsara issir f'proprjeta pubblika. Dan ifisser illi l-aggravvju ta'l-Avukat Generali huwa ippermjat fuq premessi zbaljati billi kif inghad l-Ewwel Qorti sabet htija ghar-reat tal-hsara volontarja *sic et simpliciter*.

Maghdud dan, madanakollu huwa minnu illi l-piena prevista ghar-reat tal-hsara volontarja meta din il-hsara ma tkunx tiskorri l-€2500 izda tkun iktar minn €250 hija dik ta' prigunerija ta' bejn it-tmien xhur u l-erbatax-il xahar u mhux dik tal-multa, piena erogata mill-Ewwel Qorti. Illi f'dan il-kaz l-appellat kien minuri ta' sbatax-il sena meta gie kommess ir-reat u kwindi l-piena kellha tonqos bi grad jew tnejn u dan bl-appliakzzjoni ta'l-artikolu 37 tal-Kap. 9, li l-Ewwel Qorti madanakollu tonqos milli tindika fid-decizjoni taghha.

Illi allura l-piena li kellha tigi erogata bil-liberazzjoni mill-aggravvji kollha indikati fil-proviso ghall-artikolu 325(1)(b) u bl-applikazzjoni ta'l-artikolu 37 tal-Kap.9, billi l-appellat kien ghadu minuri fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat kellha tkun dik ta' minimu ta' xahrejn prigunerija sa massimu ta' disa xhur prigunerija. Issa billi l-fedina penali ta'l-appellat hija wahda netta din il-Qorti tqies illi ghandhom japplikaw il-provvedimenti ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni madanakollu illi huwa ihallas il-hsara minnu ikkagjonata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell ta'l-Avukat Generali, konsegwentement tghaddi sabiex tikkonferma d-decizjoni impunjata fejn din illiberat lill-appellat mill-ewwel akkuza u fejn sabitu hati tat-tieni akkuza u cioe' tar-reat tal-hsara volontarja, izda tghaddi biex tvarja l-piena inflitta u wara li rat l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tillbera lill-appellat bil-kundizzjoni ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum. Intolre wara li rat l-artikolu 24

tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil hati ihallas lill-Ministeru tal-Finanzi s-somma ta' €623.32 u dan fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur